Minuti tal-Laqgħa Nru34 (Erbgħa u Tletin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta, 15ta' Marzu, 2016, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Il-Kunsilliera | Joe Azzopardi |
| | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| **Skuzati:** | |
| Viċi Sindku | Neil Attard |
| Ambaxxatur taż-Żgħażagħ | Nicole Buttigieg |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.

    1.1 Is-Segretarju informa lil Kunsill li s-Sur Neil Attard skuza ruħu mil-laqgħa minħabba raġuni ta' saħħa.

2. Item Nru 2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti – Il-minuti ttieħdu bħala moqrija.

    2.1 Minuti ittieħdu bħala moqrija u approvati

    2.2 Korrezzjoni tal-minuti ta' qabel – Minuti 7.1 Is-Sinjura Doris Borg qalet li f'din il-laqgħa hi qajmet l-approvazzjoni tal-Quarterly Reports u qalet li hi kienet astjeniet meta tressqu l-quarterly reports għal approvazzjoni fil-laqgħa ta' Novembru. Apparti hekk qalet ukoll li hi ġibdet l-attenzjoni ta' dan fil-laqgħa ta' Jannar u fil-laqgħa ta' Frar.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

3. Item Nru 3 fuq l-Aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-Laqgħa ta' qabel:

3.1 SSTP – Is-Sindku flimkien mas-Sinjura Doris Borg attendew għal-laqgħa tal-MEPA fejn ġie diskuss il-permess tal-landscaping tal-impjant tad-drenaġġ. Dan il-permess ġie approvat u l-Inġinier Stefan Cachia qal li għandu d-dokument tat-tender lest u fasslu programm tax-xogħol u jekk kollox imur sew sa' Ġunju jistgħu jibdew.

Il-Kunsill irċieva diversi lmenti minn residenti rigward l-irwejjaħ kbar tad-drenaġġ. Is-Sur Cachia spjega fuq it-telefon lis-Sindku li kellhom problema ta' sadd u li kellhom jagħmlu *flashing out* fil-baħar. Wara li sar dan bil-kurrent tal-baħar daħal kollox max-xatt u dehru diversi rqajja bir-rawa.

Is-Sinjura Borg qalet li kif diġa' ssuġġeriet għandu jsir inċeneratur biex insolvu l-problema tar-rimi mill-farms. Is-Sur Joseph Azzopardi talab li nibgħatu reminders sabiex niffissaw data għal-laqgħa oħra tal-Monitoring Committee. Kulħadd qabel ma' dan.

3.2 Rampa Sports Complex – Is-Sindku qal li kellu laqgħa mas-Sur James Piscopo ta' Trasport Malta, il-Perita Charlene Bonnici minn Trasport Malta u l-Perit Charles Buhagiar fejn ġiet diskussa s-sitwazzjoni tar-rampa tal-isports complex fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja. L-eżitu ta' din il-laqgħa kien li r-rampa ser issir minn Trasport Malta wara li l-perit tal-Kunsill imqabbad minn Trasport Malta jagħmel il-livelli mill-ġdid u jitħallas minn Trasport Malta u mhux mill-Kunsill.

Is-Sinjura Doris Borg staqsiet fuq kemm hu smat li jdum biex isir dan ix-xogħol. Is-Sindku qal li għalissa rridu nistennew lil Perit jagħmel is-survey imbgħad ikollna aktar informazzjoni.

4. Item Nru 4 Fuq l-Aġenda – Korrispondenza

4.1 Korrispondenza – Is-Sindku qal li ser ikun hemm konferenza il-MEPA u tajjeb li jattendi xi ħadd għaliha.

4.2 Konferenza oħra hija dik tal-Green Pak li ser issir nhar it-28 t' April fix-Xagħra Lodge u min hu interessat jattendi jinfurmana u ser tiswa €35.

4.3 Korrispondenza mil-Grupp ta' żgħażagħ YTC fejn qed jitolbu biex jagħmlu ħuġġieġa fuq il-blat fil-25 ta' Ġunju għal festa ta' San Ġwann. Il-Kunsill ma qabilx li jagħti dan il-permess minħabba riperkussjonijiet li jistgħu jinqalgħu u li jistgħu jkunu ta' inkonvenjent għar-residenti.

4.4 Korrispondenza mil-Cutie Cutie Dancers fejn qed jitolbu l-permess biex itellgħu piknik fil-Fort Park nhar il-31ta' Marzu. Il-Kunsill qabel li jagħti dan il-permess sakemm Fort Park jibqa' miftuh għall-pubbliku inġenerali.

5. Item Nru 5 fuq l-Aġenda –Approvazzjoni tal-Infieq

5.1 Pagamenti Approvati bi 3 favur u astenzjoni tas-Sinjura Doris Borg.

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

6.1 Ħitan tas-Sejjiegħ – Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li minn nhar it-13 t' April ser ikollna 3 ħaddiema oħra tal-IPSL mislufin biex isir xogħol fuq il-ħitan tas-sejjiegħ.

6.2 Ristrutturar tal-Latrina Pubblika – Is-Sindku qal li wara li lmentajna mal-Public Works li l-latrina tinsab fi stat ħażin ħafna dan l-istess Dipartiment ħa l-passi meħtieġa u qed isir xogħol ta' ristrutturar.

6.3 Bus Shelter – Is-Sindku qal li tkellem mas-CEO ta' Trasport Malta u wegħdna li ser ikollna Bus Shelter appena jkollhom kuntrattur ġdid. Is-Sinjura Antonia Buttigieg qalet li hi ilha tirraporta biex isir bus shelter f'Dawret ix-Xatt mil-2009.

6.4 Skema Skart Riċiklabbli – Is-Sindku qal li wara li tkellimna ma' tal-Green Pak dawn infurmawna li qiegħed ikollna ammonti kbar ta' skart organiku kumparat ma' Kunsilli oħra. Dan ifisser li qed isir xi ħaġa mhux normali. Fl-istess laqgħa ġie diskuss li għandu jkollna iktar moniteraġġ fuq dan l-iskart jew inżidu aktar edukazzjoni fuq ir-riċiklagg. Il-Green Pak

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

offrew li jagħmlu talks lir-residenti fuq ir-riċiklaġġ u ssir kampanja biex in-nies jiġu mħeġġa iktar biex jirriċiklaw.

Rigward il-Bring in site ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja, il-Green Pak qalulna li ser jaraw dan is-sit u ser ikunu qed jagħmlu camera huma wkoll ma' dik li għandna aħna biex inkunu nistgħu naqbdu lil min jarmi bl-addoċċ.

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Approvazzjoni tal-*Quarterly Report* – Ottubru/Diċembru 2015

7.1 Quarterly Report – Ir-rapport ġie approvat bi 3 voti favur u astenzjoni tas-Sinjura Doris Borg.
Is-Sindku ġibed l-attenzzjoni li il-quarterly report jinkludi wkoll id-dħul u mhux biss il-ħruġ.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

8.1 Is-Sinjura Antonia Buttigieg talbet li jitkomplew is-sinjali tat-toroq fi Triq L-Awrat. Kulħadd qabel ma' dan.

8.2 Is-Sinjura Antonia Buttigieg talbet li jsir xogħol taħt il-bankina quddiem il-librerija għaliex qiegħed iżomm ilma u issa li ġej is-Sajf jista' jġib ħafna nemus.

8.3 Is-Sinjura Doris Borg staqsiet x'sar mis-€60,000 li ġejna imwiegħda. Is-Sindku qal li dan il-każ għadu għand l-Awditur Ġenerali u qed nistennew l-eżitu tiegħu.

8.4 Is-Sinjura Doris Borg staqsiet fuq il-Jogging track li konna kellimna lill-Onor Chris Agius u li aċċetta li din issir. Is-Segretarju qal li hu kien bagħat reminder il-ġimgħa ta' qabel fejn l-Onor Agius qallu li din għada fuq moħħhom.

8.5 Is-Sinjura Doris Borg staqsiet fuq it-tabelli u s-sinjali tat-toroq li tlabna lil Trasport Malta fuqhom. Is-Sindku qal li rċieva mingħand is-Sur Simon Grima ta' Transport Malta, fejn qallu li minħabba li dawn it-tabelli ma jinsabux f'toroq arterjali jew distributorji dawn huma responsabilta' tal-Kunsill.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

8.6 Is-Sinjura Borg issuġġeriet li ssir Cul De Sac fi Triq Dwardu Ellul int u ġej il-Kunsill għaliex qed jidħlu ħafna karozzi u ma jkunux jafu li tagħlaq. Il-Kunsill qabel ma' din it-tabella ġdida.

8.7 Is-Sinjura Doris Borg talbet li jsir xi ħaġa mill-Kunsill minħabba safety fit-taraġ ta' Sqaq Ras il-Ġebel. Is-Sindku qal li dik hija kwistjoni privata u aħna bħala Kunsill nistgħu biss nibgħatu ittra lis-sid tal-post u nwissuh li hu responsabbli jekk isir xi aċċident u fl-istess ħin il-kerrej għandu jinforma lis-sid b'dan in-nuqqas.

8.8 Health Talk – Is-Sindku qal li l-aħħar Health Talk li saret kienet fuq il-pressjoni fid-demm, issa l-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 12 t' April fl-10.30 fuq keeping a healthy weight.

8.9 Rendikont tal-Ħarġiet – Is-Sindku qal li dawn il-ħargiet ikunu self "balanced-funded" u li diġa' tkellem fuq ir-rendikont fil-laqgħa li għaddiet biex ikun kollox trasparenti.

8.10 Korsijiet tal-Kompjuter – Dawn il-Korsijiet ser isiru mar-Regjun kif ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti u bejn l-aħħar tax-xahar u l-bidu tax-xahar id-dieħel għandha tibda l-kampanja tal-applikazzjonijiet fejn ser jitqassmu leaflets f'kull residenza fix-Xgħajra.

8.11 Laqgħa Ġenerali – Il-Kunsill qabel li jtella' l-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' din is-sena nhar il-Erbgħa, 4ta' Mejju fil-5.30pm fiċ-Ċentru Soċjali fi Triq San Gakbu.

9. Item Nru. 9 fuq l-Aġenda - Aġġornament

9.1 . Aġġornament għat-Tlieta, 19t' April, 2016 fil- 5.30pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ______________________ | ______________________ |
| Ranier Busuttil | Anthony Valvo |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |